MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 57/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Rafael STUCKE [ID. Nru. 31336(A)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' tlett mija disgha u hamsin euro u sebgha u disghin centezmi ta' euro [€359.97] u dan wara li ppremettiet hekk:
"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf tlieta u tmenin euro erbgha u disghin centezmu (€359.97), skont prospett hawn anness u markat Dok A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz, numru tal-kont A/C40121846, moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta' Settembru, 2012, ta' nhar it-18 ta' Ottubru, 2012 u tal-lum stess.
Ra l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012 u li permezz tieghu s-socjeta rikorrenti talbet li l-kliem "elf tlieta u tmenin euro erbgha u disghin centezmu" jigu jaqraw "tlett mija disgha u hamsin euro u sebgha u disghin centezmi ta' euro". Ra d-digriet tat-Tribunal li permezz tieghu laqgha t-talba ghall-korrezzjoni mitluba.
Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta' Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett mija disgha u hamsin euro u sebgha u disghin centezmi ta' euro [€359.97], bl-imghax kif mitlub.
L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------